MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2163/2003

**Mohammed Amri**
**vs**

**Miller Distributors Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u seba' centezmi (Lm623.07), u fejn intqal :**
**Illi fid-29 ta' Ottubru, 2002 l-attur kien ta avviz ta' terminazzjoni ta' impjieg tieghu lis-socjeta` konvenuta.**
**Dan l-avviz kien ta' disa' (9) gimghat, peress illi l-attur kien ilu tmien snin impjegat mas-socjeta` konvenuta.**
**Is-socjeta` konvenuta ghazlet li minflok ma tistenna z-zmien tal-avviz jghaddi, tittermina l-impieg b'mod immedjat.**

**Ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha thallas lill-attur sitt mija u tlieta u ghoxrin lira u seba' centezmi u cioe` s-somma li hija daqs il-paga li l-attur kien messu jithallas dwar iz-zmien tal-avviz.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fis-16 ta' Jannar, 2004, fejn intqal :**
**i. Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ebda ammont m'huwa dovut mis-socjeta` konvenuta u dan kif jista' jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza.**
**ii. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv.**
**iii. Salvi eccezzjonijiet ohra.**
**Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.**

**Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tnejn u sebghin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm572.61) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' tlett mija u tnax-il lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm312.15) prezz ta' merkanzija, mixtrija mill-attur rikonvenut, liema merkanzija baqghet ma thallsitx, in kwantu ghas-somma ta' mija u tmienja u erbghin lira Maltija (Lm148.00) rapprezentanti pagamenti maghmula mis-socjeta` konvenuta rikonvenjenti bhala « allowance » fuq vettura maghmula lill-attur rikonvenut bil-quddiem ghax-xahar ta' Novembru, 2002, in kwantu ghas-somma ta' mija u hdax-il lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm111.72) rapprezentanti flus migbura mill-attur rikonvenut minn klijenti tas-socjeta` konvenuta rikonvenjenti liema flus ma gewx debitament konsenjati lill-istess socjeta` konvenuta rikonvenjenti.**
**Bl-imghax legali u bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-attur rikonvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Mohammed Amri, Joseph Borg, Charles Caligari Conti u Malcolm Miller. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. L-attur qed jitlob hlas dwar avviz ta' terminazzjoni ta' mpjieg peress illi jallega illi s-socjeta' konvenuta tterminatlu l-impjieg b'mod immedjat.**

**2. Is-socjeta' konvenuta qed tichad dan u f'kontro-talba qed titlob li l-attur ihallasha flus ta' merkanzija kif ukoll allowance fuq vettura ghax-xahar ta' Novembru 2002, u flus migbura mill-attur minn klijenti tas-socjeta' konvenuta u li ma gewx konsenjati lis-socjeta' konvenuta.**

**3. Jirrizulta li l-attur hadem mas-socjeta' konvenuta ghal ftit aktar minn tmien snin u kien waqaf fid-29 ta' Ottubru, 2002. Skond l-attur malli ta n-notice keccewh u ma thalliex jahdem in-notice period li kien ta' disa' gimghat. L-attur ighid li dak iz-zmien kien jaqla' Lm69 fil-gimgha, u ghalhekk qed jippretendi l-paga ta' disa' gimghat.**

**4. Skond l-attur hu kellu jaghti lis-socjeta' konvenuta s-segwenti : a) Lm315 ghal merkanzija li xtara,**

**b) Lm148 allowance tal-karozza.**

**Pero' jichad illi kellu jhallashom Lm111.72 ta' flus li gabar minghand il-klijenti.**

**5. Jirrizulta mix-xhieda ta' Joseph Borg, General Manager tas-**

**socjeta' konvenuta, illi l-klijenti kienu jcemplu jilmentaw fuq l-attur. L-istess xhud ighid li qatt ma qalulu biex ma jahdimx in-notice period. Ix-xhud esebixxa d-Dok JB 2 illi jirrifletti dak li kellha taghtih il-kumpanija bhala commissions u salarji u dawk li kellu jaghti l-attur lill-kumpanija. Dan id-dokument gie ffirmat mill-attur u jgib id-data ta' l-20 ta' Novembru, 2002.**

**6. Mix-xhieda ta' Charles Caligari Conti b'referenza ghad-Dok JB 3**

**jirrizulta illi l-cash sales account fl-ammont Lm312.15 u l-car**

**allowance fl-ammont ta' Lm148.74 ma kienx hemm kontestazzjoni fuqhom.**

**7. Mix-xhieda ta' Malcolm Miller Chief Executive tas-socjeta' konvenuta jirrizulta illi skond email datat 19 ta' Ottubru, 2002 l-attur kien qal illi « the last two months I lost track of everything, visits, sales, targets…… i think the best solution is that i give my resignation straight away. » Bejn id-19 ta' Ottubru u l-31 ta' Ottubru l-istess attur kien on notice. Jirrizulta illi dahlu diversi rapporti li l-attur kien qed jahdem ghal rasu u jimporta affarijiet simili ghal dawk tas-socjeta' konvenuta, u addirittura kien avvicina salesman tas-socjeta' konvenuta meta kien ghadu qed jahdem mas-socjeta' konvenuta. Fil-fatt huwa fetah hanut tieghu meta kien ghadu wkoll impjegat. Gie nnutat fil-perjodu Ottubru – Novembru diversi nies ilmentaw li ma rcevewx ircevuta li kienu hallsu lill-attur.**

**8. L-Artikolu 36 (9) tal-Kap 452 jispecifika liema huma pagi, u dana ma jinkludix in-notice money. Mil-lat l-iehor is-socjeta' konvenuta jidher li kienet gustifikata illi ma thallix lill-attur jahdem in-notice period intier in kwantu kien hemm allegazzjonijiet li dana kien qieghed jaghmel xoghol f'kompetizzjoni diretta ma' l-istess socjeta' konvenuta. Pero' dana ma hux sufficjenti sabiex il-konvenut jigi mcahhad minn dak dovut lilu ghan-notice period. Ghalhekk tenut kont illi huwa hadem sad-29 ta'Ottubru, 2002 u tenut kont ta' l-email mibghut fid-19 ta' Ottubru, 2002, u tenut kont illi sal-31 ta' Ottubru huwa kien thallas il-paga kollha jigi ghalhekk illi se mai minn 9 gimghat notice huwa kien fadallu 7 gimghat notice li jammontaw ghas-somma ta' erba' mija tlieta u tmenin lira (Lm483.00)**

**9. Dwar il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, t-Tribunal filwaqt li jaghmel referenza ghad-Dok JB 3 jinnota illi jirrizulta sodisfacentement pruvat illi l-ammonti mitluba jirrizultaw pruvati u dana tenut kont ukoll tax-xhieda**

**ta’ l-istess attur li jammetti l-ammonti b’eccezzjoni tal-Lm111 kif gia msemmi. Ghalhekk l-attur ghandu jaghti lis-socjeta’ konvenuta s-somma ta’ hames mija tnejn u sebghin lira wiehed u sittin centezmu (Lm571.62)**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici limitatament fis-somma ta’ erba’ mija tlieta u tmenin lira (Lm483.00), qed jilqa’ l-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta fl-ammont ta’ hames mija tnejn u sebghin lira wiehed u sittin centezmu (Lm571.62) u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 1197 tal-Kap 16 jigi li l-attur ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ u tmenin lira u wiehed u sittin centezmu (Lm89.61) u jikkundannah ihallas din is-somma lis-socjeta’ attrici. Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------